32003R1410

8.8.2003 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 201/9

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1410/2003

## tas-7 ta' Awissu 2003

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 li tistabbilixxi ċertu regoli dettaljati li jimplimentaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1493/1999 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità fuq il-prattika u l-proċessi enoloġiċi.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq fl-inbid ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 46 tiegħu;

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1622/2000 ta' l-24 ta' Lulju, 2000 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati li jimplimentaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1493/1999 dwar l-organiżazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità dwar il-prattiċi u l-proċessi enoloġiċi ([3]) kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 2244/2002 ([4]) jimponi restrizzjonijiet fuq u ċertu kondizzjonijiet għall-użu tas-sustanzi li huma awtoriżżati mir-Regolament (KE) Nru. 1493/1999. Fid-dawl ta' l-iżviluppi fil-produzzjoni ta' l-inbid u l-metodi tal-prova, il-limiti ta' l-aċidu assorbiku, u l-melħiet nutritivi tal-fosfat tad-djammjonju jew sulfat ta' l-ammonju stabbiliti fl-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru. 1622/2000 għandu jiġi emendat.

(2) L-Artikolu 46(2) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jistabbilixxi l-adozzjoni tal-purità u l-ispeċifikazzjonijiet ta' identifikazzjoni tas-sustanzi użati fil-prattiċi enoloġiċi. L-ispeċifikazzjonijiet għal numru kbir ta' dawn is-sustanzi huwa diġa' stabbilit fid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/77/KE tat-2 ta' Diċembru 1996 li jistabbilixxi l-kriterji tal-purità ta' l-additivi ta' l-ikel, minn barra l-kuluri u l-aġenti li jżidu l-ħlewwa ([5]), kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 2002/82/KE ([6]), li fil-każ tal-polivinilpolipirrolidoni, jistabbilixxi kriterji aktar stretti għall-ħtiġijiet u l-kriterji tal-purita' fl-Anness V mar-Regolament (KE) Nru. 1622/2000. Bħala riżultat, il-leġislazzjoni oriżżontali li tistabilixxi l-kriterji tal-purità għall-additivi ta' l-ikel għandha wkoll tkun applikabbli għall-qasam ta' l-inbid u l-Anness V għandu jiġi mħassar.

(3) Fir-reġjuni li fihom jitkabbar l-inbid ta' żona A msemmi fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru. 1622/2000, id-deskrizzjoni tar-reġjun "Rheinpfalz" ġie mibdul għal "Pfalz". Id-deskrizzjoni l-gdida għar-reġjun għandha tiġi użata f'dak l-Artikolu.

(4) L-inbejjed Taljani ta' kwalità psr li għandhom id-dritt illi jkollhom Denominazzjoni ta' l-Oriġini *Colli orientali del Friuli* flimkien mal-kelma "Picolit" għandu jkollhom kontenut ta' zokkor residwu ogħla minn 5 grammi kull litru għall-preservazzjoni tiegħu f'kondizzjonijiet ta' kwalità jenħtieġ kontenut ta' diossidu tal-kubri fuq il-limitu ġenerali ta' 260 mg/l iżda anqas minn 300 mg/l. Għaldaqstant, dak l-inbid għandu jkun miżjud mal-lista ta' l-Anness XII.

(5) L-inbejjed imsemmijin aktar kmieni psr Colli orientali del Friuli flimkien mal-kelma "Picolit" huma magħmulin bl-użu ta' metodi speċjali u li għandhom qawwa totali alkoħolika bil-volum akbar minn 13 % vol. u normalment għandhom kontenut aċidu volatili fuq il-limiti stabbiliti fl-Anness V(B) mar-Regolament (KE) Nru. 1493/1999 iżda anqas minn 25 milliekwivalenti kull litru. Dawn l-inbejjed għandhom, għaldaqstant, jinżiedu mal-lista ta' l-Anness XIII.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru. 1622/2000 sakemm il-metodu ta' analiżi tas-soltu deskritt fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2676/90 tas-17 ta' Settembru 1990 li jistabbilixxi l-metodi Komunitarji għall-analiżi ta' l-inbejjed ([7]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 440/2003 ([8]), huwa mħassar mill-1 Awissu 2003. Ħafna minn dawn il-metodi li solitament jintużaw għall-analiżi, qegħdin igħaddu mill-evalwazzjoni teknika u xjentifika u studju ta' validazzjoni għall-preċiżjoni u l-korrettezza bil-għan illi jkun hemm rikonoxximent tal-metodi ta' referenza. Peress illi dak ix-xogħol għadu ma tlestiex, id-data tat-tħassir ta' ċertu dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KEE) Nru. 2676/1990 għandu jiġi pospost b' perjodu ulterjuri ta' sentejn sakemm joħorġu r-riżultati finali ta' l-istudji li qegħdin isiru.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni ta' l-Inbid.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1622/2000 huwa permezz tal-preżenti emendat kif ġej:

([1]) ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1.
([2]) ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1.
([3]) ĠU L 194, tal-31.7.2000, p. 1.
([4]) ĠU L 341, tas-17.12.2002, p. 27.
([5]) ĠU L 339, tat-30.12.1996, p. 17.
([6]) ĠU L 292, tat-28.10.2002, p. 1.
([7]) ĠU L 272, tat-30.10.1990, p. 1.
([8]) ĠU L 66, tal-11.3.2003, p. 15.

1. L-Artikolu 6 jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "*L-Artikolu 6*

   L-ispeċifikazzjonijiet tal-purezza u l-identifikazzjoni tas-sustanzi użati fil-prattiċi enoloġiċi msemmija fl-Artikolu 46(2)(ċ) tar-Regolament (KE) 1493/1999 għandhom ikunu dawk stabbiliti fid-Direttiva 96/77/KE. Fejn meħtieġ, dawn il-kriterji ta' purezza għandhom ikunu supplimentati mir-rekwiżiti speċifiċi previsti f'dan ir-Regolament."

2. Fl-inċiż ta' qabel ta' l-aħħar ta' l-Artikolu 8, "Rheinpfalz" hija mibdula bi "Pfalz".

3. Fl-Artikolu 44(2), l-"1 ta' Awissu 2003" hija mibdula bl-"1 ta' Awissu 2005".

4. L-Anness IV huwa mibdul bl-Anness ma' dan ir-Regolament.

5. L-Anness V huwa mħassar.

6. Fl-Anness XII(a), l-inċiżi li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara it-tieni inċiż.

   "— L-inbejjed ta' kwalità psr illi għandhom id-dritt illi jkollhom id- Denominazzjoni ta' l-Oriġini Colli orientali del Friuli - Picolit,"

7. Fl-Anness XIII(ċ), l-inċiżi li ġejjin huma mdaħħla wara t-tieni inċiż:

   "— L-Inbid ta' kwalità psr Colli orientali del Friuli flimkien mal-kelma 'Picolit'";

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara li jiġi ippubblikat *fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Awissu 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 7 Awissu 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

*L-ANNESS*

*"L-ANNESS IV*

**Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċertu sustanzi**

(L-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament)

Il-limiti massimi li japplikaw għall-użu tas-sustanzi msemmijin fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fih huma li ġejjin.

| Sustanza | L-użu ma' l-għgneb frisk, il-most ta' l-għeneb, il-most ta' l-għeneb li jkun qiegħed jiffermenta, l-most ta' l-għeneb li jkun qiegħed jiffermenta li jkun ġie miksub mill-għeneb imnixxef, il-most konċentrat ta' l-għeneb u l-inbid il-ġdid li jkun għadu qiegħed jiffermenta. | L-użu mal-mostijiet ta' l-għeneb li jkun qiegħed jiffermenta maħsub għall-konsum dirett uman, nbid li jista' jintuża għall-prodotti ta' l-inbid tal-mejda, inbid tal-mejda, inbid frizzanti, inbid frizzanti arjat, inbid semi-frizzanti, inbid semi-frizzanti arjat, inbid tal-likur, u l-inbejjed ta' kwalità psr. |
|---|---|---|
| Preparamenti tal-ġenb taċ-ċellula tal-ħmira | 40 g/hl | 40 g/hl |
| Diossidu tal-karbonju | | Il-kontenut massimu fl-inbid li jkun ġie trattat: 2 g/hl |
| L-aċidu assorbiku | | 250 mg/l; Kontenut massimu fl-inbid li jkun ġie trattat mgħandux jaqbeż il 250 mg/l |
| L-aċidu ċitriku | | Kontenut massimu fl-inbid jkun ġie trattat: g/l |
| L-aċidu metatartiku | | 100 mg/l |
| Is-Sulfat tar-ramm | | 1 g/hl stabbilit għall-kontenut tar-ramm tal-prodotti li jkunu ġew trattati b' dan il-mod li ma jaqbiżx l-1 mg/l |
| Faħam għall-użu enoloġiku | 100 g piż niexef għal kull hl | 100 g piż niexef għal kull hl |
| Il-melħiet nutrittivi: fosfat tad-diammonju jew sulfat ta' l-ammonju. | 1 g/l (espress f'melħ (*) | 0,3 g/l (espress f'melħ) fil-preparazzjoni ta' l-inbid frizzanti. |
| Ammonju sulfit jew ammonju bisulfit. | 0,2 g/l (espress f'melħ (*) | |
| Il-fatturi tal-kobor tijamin fil-forma tal-idrokloridu tat-tijamin. | 0,6 mg/l (espress f'tijamin) | 0,6 mg/l (espress f'tijamin) fil-preparazzjoni ta' l-Inbid frizzanti. |
| Polivinilpolipyrrolidone | 80 g/hl | 80 g/hl |
| It-tartratu tal-kalċju | | 200 g/hl |
| Il-pitat tal-kalċju | | 8 g/hl |
| Lisożim | 500 mg/l (**) | 500 mg/l (**) |

(*) Dawn il-prodotti jistgħu jintużaw ukoll flimkien ma', sal-limitu totali ta' 1 g/l, mingħajr preġudizzju għal-limitu ta' 0,2 g/l imsemmi hawn fuq.

(**) Meta jkun miżjud mal-most u ma' l-inbid, il-kwantità totali ma tistax taqbeż il-limitu ta' 500 mg/l."